ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2024

Talba Nru: CCT195/23/DS

Alexander Sultana

Vs

N & R Innovations – Michael Briffa

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-30 ta' Ottubru, 2023 fejn talab lis-soċjeta' intimata riżarċiment fl-ammont ta' elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) illi m'hemmx indikazzjoni preċiża f'hiex jikkonsisti dan l-ammont, la fl-avviż u lanqas ma jirriżulta mix-xhieda;

Ra illi attwalment waqt ix-xhieda tiegħu l-attur qal illi t-talba tiegħu *"hija limitata sabiex is-soċjeta' intimata tiġi twaħħalil-bieb it-tajjeb f'qasir żmien li jkun jenn tal-miżura tajba kif ukoll tal-kulur it-tajjeb".*

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u għal din ir-raġuni ġiet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi l-attur preżenta l-pużizzjoni tiegħu;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi l-fatti in succint huma s-segwenti: L-attur ha 'quotation' mingħand is-soċjeta' intimata sabiex isiru aperturi tal-aluminium inkluz bieb ta' barra, liema xogħolijiet saru bl-eċċezzjoni tal-bieb ta' barra u tieqa zgħira b'arkata illi kien għad jonqoshom isiru. Għalkemm wara ħafna dewmien meta ġew biex jitwaħħlu dawn l-aperturi ma kienux tal-qies u tal-kulur it-tajjeb. Is-soċjeta' intimata ssuggeriet illi l-attur imur għand ħaddiehor sabiex jagħmel il-biebien pero' min kien suġġerit kellu 'quotation' għolja u l-attur mar għand terzi li talbuh cirka elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) biex isiru. L-attur jixtieq illi kemm jista' jkun malajr isiru dawn l-aperturi għaliex għadda ħafna żmien minn mindu ordanhom.

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma d-dettalji dwar it-talba tiegħu taħt ġurament. Ġaladarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma thalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti ġraw hekk kif ġie konfermat taħt ġurament.

Illi l-uniku dettall illi mhux ċert dwaru dan it-Tribunal huwa jekk hux diġa thallas l-imsemmi bieb għaliex għalkemm intbagħatu provi lit-Tribunal, l-ebda spjega ma ngħatat tad-dokumenti mibgħuta. Dan għaliex it-talba hija għal elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) li huwa l-amont pressa poco illi ntalab l-attur mill-Adore More biex jaħdmulu l-aperturi rimanenti.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal isib illi t-talba tal-attur sabiex is-soċjeta' intimata tiġi twaħħal il-bieb f'qasir żmien hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda u l-provi dokumentarji prodotti fl-atti u għaldaqstant hemm bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta. It-talba pekunjarja tkun ġustifikata kemm -il darba dan l-imsemmi bieb ma jitwaħħalx fi żmien raġjonevoli u jkollu jiġi ordnat minn kumpanija terza. F'dak il-każ pero' l-ammont ġustifikat huwa limitat għall-prezz żejjed li ser ikollu jħallas l-attur.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attur kemm -il darba prova jikkomunika mas-soċjeta' attriċi, pero' ma wasal imkien u dan ħoloq inkonvenjent lill-attur.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fis-sens illi s-soċjeta' intimata qiegħda tingħata xahrejn ċans sabiex tiġi twaħħal il-bieb u l-parti tat-tieqa bl-arkata rimanenti u fin-nuqqas l-attur għandu jiġi riżarċit l-ammont żejjed illi ser ikollu jħallas għall-istess *stante* illi l-preżżijiet li kienet tagħtu s-soċjeta' intimata u dak li kwotawlu terzi jew għad iridu jerġgħu jikkwotawlu stante t-trapass taż-żmien, ivarjaw. Dan il-ħlas għandu jiġi effetwat fuq preżentazzjoni ta' rċevuta fiskali originali li turi li l-ħlas sar.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża f'dan is-sens. It-Tribunal ulterjorment jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attur bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru